MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 1390/2003

**Godwin Falzon f'ismu proprju u f'isem is-socjeta' HLB Falzon & Falzon**

**vs**

**Josianne Theuma**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Lulju 2003 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur pro et nomine is-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000.00) rapprezentanti l-penalita' ghal terminazzjoni unilaterlali skond kuntratt anness mal-Avviz tat-Talba kif ukoll l-ispejjes u dan oltre l-interessi fuq l-istess ammont sad-data tal-pagament effettiv.
Bl-ispejjes kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenuta fejn hija eccepiet ili l-ammont pretiz mill-attur nomine m'huwiex dovut ghas-segwenti ragunijiet:-

1. Fil-konfront tal-attur Godwin Falzon, il-konvenuta qatt ma kienet impjegata mieghu;
2. Fil-konfronti tas-socjeta' attrici, l-impjieg tal-konvenuta kien sospiz fl-1 ta' Ottubru 2002, u fiz-zmien tat-terminazzjoni tal-impjieg ma kien qed issir wbda hlas lill-konvenuta;
3. L-ammont mitlub ma jrriflettix l-ammont imnizzel fil-kuntratt;
4. It-terminazjoni tal-impjieg gie accettat mis-socjeta' attrici.

Ha konjizzjoni tal-affidavit ta' Godwin Falzon u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet. Sema' x-xhieda tal-konvenuta.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Fit-2 ta' April 2002 il-konvenuta giet impjegata mas-socjeta' attrici permezz ta' kuntratt ta' impjieg definit (esebit a fol. 20 et seq.). Ai termini tal-imsemmi kuntratt l-impjieg taghha gie sospiz f'Settembru 2002 ghal perijodu ta' disa' xhur sabiex hija tkun tista' tkompli bl-istudji taghha. Klawzola numru 1 tal-imsemmi kuntratt fil-fatt kienet tiprovdi hekk:-
"The Employer engages the Employee and the Employee accepts employment as Audit/Accounting Trainee with effect from 1$^{st}$ July 2002. After three months this employment shall be suspended until the 30$^{th}$ June of the year 2003 to enable the Employee to pursue his studies.".

Illi permezz ta' ittra datata 8 ta' Gunju 2003 il-konvenuta kienet infurmat lis-socjeta' attrici li kienet qed tittermina l-impjieg taghha mal-istess socjeta' attrici. L-ammont mitlub mis-socjeta' attrici fil-kawza odjerna jirrigwarda l-penali allegatament dovuta mill-attrici lis-socjeta' konvenuta skond il-kuntratt tal-impjieg minhabba din it-terminazzjoni.

Mill-provi rrizulta li l-impjieg gie terminat mill-konvenuta fil-perijodu meta effettivament l-impjieg kien sospiz. Ai termini tal-klawzola 8(ii) tal-kuntratt tal-impjieg il-konvenuta ma kienet intitolata tircievi ebda remunerazzjoni minghand is-socjeta' attrici tul il-perijodu ta' sospensjoni tal-impjieg u fil-fatt fix-xhieda taghha tal-11 ta' Novembru 2003 hija tikkonferma li ma kienet qed tircievi ebda remunerazzjoni tul dan il-perijodu.

Il-kuntratt tal-impjieg kien ghal perijodu ta' tlett snin (klawzola 10(a) u skond klawzola 10(b) "if the Employee decides to terminate his/her employment prior to the three (3) year period, he/she shall be liable to pay the employer a sum equal to three months gross salary prevailing on date of resignation". Kif diga' ntqal aktar il-fuq fil-mument tat-terminazzjoni tal-impjieg il-konvenuta ma kienet qed tircievi ebda remunerazzjoni jew salarju u ghalhekk fil-fehma tat-Tribunal hija m'ghandha thallas ebda peneali lis-socjeta' attrici. Din il-klawzola appena citata hija cara u ma taghti lok ghall-ebda interpretazzjoni ohra fis-sens li tindika b'mod inekwivoku li l-penali applikabbli f'kaz ta' terminazzjoni hija l-ekwivalenti ta' tlett xhur tal-paga li tkun qed tithallas lill-impjegata fid-data tat-terminazzjoni tal-impjieg. Il-konvenuta ma kienet qed tircievi ebda salarju fil-mument tat-terminazzjoni tal-impjieg u ghalhekk m'hija dovuta ebda penali.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes jithallsu nterament mill-attur pro et nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------